**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2014 li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2015 fis-6:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Membri tal-Pubbliku Preżenti:**

Bernardette Azzopardi – 253348 (M)

Saviour Zammit – 129142 (M)

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita’ 2013 ma kienx hemm minħabba li ħadd m’attenda għal din il-laqgħa.

## 2. RAPPORT ANNWALI MIS-SINDKU

2.1 Is-Sindku David Schembri beda billi rringrazzja liż-żewġ residenti li attendew għal din il-laqgħa.

2.2 Qal li l-Kunsill Lokali ta’ din is-seba’ leġiżlatura ilu kważi 11-il xahar għaddej bil-ħidma tiegħu u l-ewwel ħaġa li għamel kienet li ltaqa’ mas-Soċjetajiet Mużikali ta’ raħalna.

2.3 Spjega kif anke fil-festi tal-lokal, ġew mistiedna ż-żewġ Soċjetajiet fir-riċevimenti rispettivi li l-Kunsill Lokali organizza dakinhar tal-festa.

2.4 Is-Sindku qal li kemm hu kif ukoll il-Kunsillieri attendew għal diversi laqgħat fosthom fuq *waste reduction & management* kif ukoll dwar iż-żoni turistiċi.

2.5 Spjega kif bħala lokalita’ niffurmaw parti mis-*Southern Tourism Zone* minħabba Wied iż-Żurrieq.

2.6 Is-Sindku tkellem dwar is-serata li se tittella’ mill-Kunsill Lokali – Ġieħ il-Qrendi 2014.

2.6.1 Qal li din is-serata se ssir l-ewwel darba f’raħalna u għall-ewwel darba se jingħata dan il-Ġieħ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.6.2 Żied li l-Ħadd 23 ta' Frar se jerġa' jkun organizzat Jum il-Qrendi wara diversi snin ma jiġiex organizzat u dan sabiex jerġa' jitqajjem interess dwar dan il-Jum.

2.7 Is-Sindku tkellem dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2013.

2.7.1 Qal li dan il-Festival kien tajjeb ħafna u kellna attendenza rekord f'din l-attivita'.

2.7.2 Żied li bħala divertiment kif ukoll bħala parteċipazzjoni kellna lil kulħadd jgħin għal dan il-Festival.

2.7.3 Spjega kif anke fuq il-mezzi tax-xandir kellna *coverage* tajjeb u dan żgur għen sabiex l-attendenza kienet dik li kienet.

2.8 Is-Sindku tkellem dwar il-proġetti tal-*Public Private Partnership* u Miżura 313 li jinkorporaw parti minn Triq San Mattew u Triq Ħaġar Qim.

2.8.1 Qal li għalkemm ħafna mix-xogħol tlesta, fadal isir xi xogħol ħafif kif ukoll l-afforestazzjoni ta' Triq Ħaġar Qim.

2.9 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta' *Malta Goes Rural* fejn sar it-tisbiħ ta' Misraħ il-Maqluba, proġett li issa wasal fl-aħħar fażi tiegħu.

2.9.1 Qal li fadal xi xogħol ħafif xi jsir u dan il-proġett kollu kien f'idejn l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu.

2.10 Is-Sindku tkellem dwar il-Maqluba u qal li flimkien ma' Natura 2000 qegħdin nipproponu li jsir immaniġġjar sew ta' din iż-żona.

2.10.1 Ma' Natura 2000 attendejna wkoll laqgħat li kienu jikkonċernaw il-kosta Maltija u dan minħabba l-kosta li minn Wied iż-Żurrieq tieħdok sal-limiti ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra.

2.11 Is-Sindku tkellem dwar il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali u li din saret sabiex il-Kunsill ikun aktar qrib il-poplu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.12 Is-Sindku tkellem dwar il-fuljett li jinħareġ mill-Kunsill Lokali. Qal li għalkemm fl-aħħar snin il-publikazzjoni ta' dan il-fuljett kienet inqatgħet, issa reġa' beda jiġi ppublikat kull sitt xhur.

2.13 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-ħidma tal-Kunsill Lokali fix-xena internazzjonali u qal li għadna qed nagħmlu dak kollu li nistgħu sabiex il-ġemellaġġ ma' Ficulle, l-Italja, jsir realta'.

2.13.1 Spjega kif fl-aħħar żjara esploratorja li saret mill-Kunsill Lokali konna ċari ħafna li rridu li jkun hemm xi ħaġa uffiċjali anke min-naħa tagħhom sabiex dan il-ġemellaġġ ikun jista' jidħol fis-seħħ.

2.13.2 Qal li mil-lokal ta' Ficulle saret applikazzjoni f'Settembru li għadda permezz tal-programm ta' fondi *Citizens for Europe* u fil-preżent qegħdin nistennew risposta jekk dan il-ġemellaġġ hux se jsir jew le.

2.14 Is-Sindku qal li grazzi għall-Festival Agrarju tal-Patata qegħdin nagħmlu isem lill-Qrendi mhux biss fix-xena lokali imma wkoll fix-xena internazzjonali.

2.14.1 Spjega kif konna mistednin mill-belt ta' Leuuwarden, l-Olanda, sabiex ngħinuhom fil-promozzjoni sabiex huma jkunu l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura flimkien mal-Belt Valletta fl-2018.

2.14.2 Qal li l-Kunsill Lokali ma ħareġ l-ebda flus għal din iż-żjara għaliex kollox kien imħallas mill-organizzaturi.

2.15 Is-Sindku tkellem dwar diversi inizjattivi li għandu quddiemu l-Kunsill Lokali u qal li dawn l-inizjattivi ħafna drabi jkunu jinvolvu l-finanzi.

2.15.1 Spjega kif mhux dejjem faċli takkwista ċertu fondi imma jidher li se nkunu qegħdin inġibu €25,000 sabiex isiru żewġ sqaqien fiż-żona rurali tal-Qrendi, u dan sabiex dawn l-isqaqien jingħataw wiċċ ġdid ta' tarmak jew konkrit.

2.15.2 Żied li l-Kunsill Lokali se jibbenefika wkoll minn €15,000 sabiex inkunu nistgħu nsebbħu ż-żona rurali tal-lokalita'.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.16 Fuq l-aspett finanzjarju, s-Sindku qal li fl-aħħar snin, il-Kunsill Lokali ħaseb sabiex iwarrab flus li se jintużaw sabiex jinbena Uffiċċju Amministrattiv Ġdid.

2.16.1 Spjega kif fil-preżent il-Kunsill Lokali għandu f'idejh il-pjanti tal-MEPA u l-Kunsill għandu biżżejjed flus sabiex ikun jista' jtella' l-binja, imma mbagħad irid isib sorsi oħra ta' finanzjament sabiex jimla' l-post.

2.16.2 Qal li sabiex il-binja kollha tkun lesta, qegħdin naraw u nevalwaw il-possibiltajiet li nġibu fondi mill-Unjoni Ewropea.

2.16.3 Żied li l-Kunsill Lokali qiegħed iħares lejn dan il-proġett b'mod ħolistiku, fejn il-ħsieb hu lit-tieni fażi tkun tinkorpora Ġnien Nicolo' Communet bil-bini ta' bandli u *outdoor gym*.

2.17 Is-Sindku tkellem dwar diversi sejħiet għall-offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali u semma' t-tisbiħ taż-żona ta' Triq Antonio Chircop.

2.17.1 Qal lix-xogħol ta' tisbiħ se jinbeda fil-ġimgħat li ġejjin u għandu jkun lest sal-festi tal-lokal.

2.18 Is-Sindku tkellem dwar Triq Rokku Buhagiar (il-pjazza prinċipali tal-Qrendi) u qal li l-bus xelter preżenti se jkun qiegħed jitneħħa u minfloku se jsir wieħed ġdid aktar 'il fuq fid-direzzjoni tal-Knisja.

2.18.1 Spjega kif faċċata ta' fejn ġej il-bus xelter il-ġdid se jsir *totem kiosk* b'informazzjoni dwar ir-raħal tal-Qrendi.

2.19 Is-Sindku tkellem dwar il-possiblita' li f'raħalna tiġi nstallata ATM.

2.19.1 Qal li l-Kunsill Lokali qiegħed jagħmel dak kollu li jista' sabiex f'raħalna jkollna ATM bħal irħula oħra imma r-risposta li qegħdin nieħdu mingħand il-banek qiegħda tkun fin-negattiv.

2.19.2 Żied li xorta waħda jista' jkun hemm xaqq dawl fuq dan il-każ imma l-Kunsill Lokali għandu bżonn aktar żmien sabiex jagħmel ċertu kuntatti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.20 Is-Sindku tkellem dwar proġetti ġodda fil-lokalita' u qal li sabiex isiru dawn il-proġetti dejjem irid ikun hemm il-permess tal-MEPA.

2.20.1 Qal li l-Kunsill Lokali qiegħed iħares b'interess lejn il-pjazzetta ta' quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena kif ukoll quddiem il-kappella ta' Sant'Anna bħala proġetti futuri.

2.21 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li fil-preżent hemm il-permessi sabiex jiġi rranġat il-moll li jinsab eżatt mal-Wied tal-Majla kif ukoll qegħdin niddiskutu mal-Gvern Ċentrali dwar proġetti oħra għal din iż-żona.

## 3. <u>RAPPORT FINANZJARJU MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV</u>

3.1 Jekk nagħtu ħarsa lejn il-baġit tas-sena 2014 wieħed jista' jinnota li mill-allokazzjoni finanzjarja, l-Kunsill Lokali se jirċievi s-somma ta' €313,924. Barraminnhekk il-Kunsill Lokali qiegħed jipprevedi li jdaħħal ammonti oħra ta' flus kif ġej:

- **Permessi/Tenders/Avviżi u LES** - €2,000
- ***UIF Funds*** - €5,000
- **Skema Librerija** - €500
- **Skema Attivita' Kulturali** - €3,000
- **Skema *Live Streaming*** - €2,300
- ***Landfill Tipping Fees*** - €1,000

Dan kollu jammonta għal dħul addizzjonali ta' €13,800

3.2 Mill-previżjonijiet għas-sena 2014, jidher li l-Kunsill se jagħmel nefqa kif ġej:

- **Parki, Ġonna u *Soft Areas*** - €14,350
- **Manutenzjoni ta' Toroq** - €148,150
- **Immaniġġjar tal-Iskart** - €57,937
- **Nefqa għall-Amministrazzjoni** - €99,507.16
- **Fond għall-Aġġustament** - €26,220
- ***Tipping Fees*** - €22,630

Dan kollu jammonta għal nefqa ta' €368,794.36

3.3 Għaldaqstant jidher li matul l-2014 il-Kunsill Lokali mistenni jdaħħal €327,724 u jonfoq €368,794.36. Dan ifisser li se jkun hemm żbilanċ ta' - €41.070.36

3.4 Mill-previżjonijiet tal-Kunsill Lokali jidher ċar li l-akbar sors ta' ħruġ se jkun fuq tlett setturi importanti ħafna li huma: Manutenzjoni ta' Toroq, Immaniġġjar tal-Iskart kif ukoll in-Nefqa għall-Amministrazzjoni.

i. Dwar il-ħruġ għall-Manutenzjoni ta' Toroq wieħed irid jifhem li matul l-2014 il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed iħallas 20% mill-ispiża totali tal-*Public Private Partnership* biex ingħata wiċċ ġdid ta' tarmak fi Triq San Mattew (parti) u Triq Ħaġar Qim. Minħabba f'dawn l-ispejjeż, il-Kunsill Lokali se jkollu jżomm pass lura milli jingħata xi wiċċ ġdid ta' tarmak fix-xhur li ġejjin u minflok isiru tiswijiet biss bħalma huwa l-*patching* sabiex tiġi kkontrollata n-nefqa. Hemm ukoll is-sinjali u ż-żebgħa tat-toroq fejn il-Kunsill Lokali jrid ikun bil-għaqal matul din is-sena sabiex kemm jista' jkun jiġu ffrankati flus f'dan ir-rigward. L-istess fejn jidħlu applikazzjonijiet għal lampi ġodda, il-Kunsill irid ikun attent ħafna

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

fejn jaċċetta talbiet li jsiru dawn il-lampi. Dan minħabba r-raġuni li lampa ġdida tiswa lill-Kunsill bejn €500 u €700 u għaldaqstant wieħed irid joqgħod ħafna attent meta nqisu li hemm allokati €4,700 għal dan il-għan u ħafna minn dawn il-flus imorru sabiex jiġu rranġati lampi eżistenti.

ii. L-Immaniġġjar tal-Iskart huwa settur li l-Kunsill Lokali għandu ħafna għal qalbu u dan sabiex Il-Qrendi jkun wieħed mill-aqwa rħula ta' pajjiżna fejn jidħol l-immaniġġjar tal-iskart. Mid-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa ma' GreenPAK, il-Kunsill Lokali diġa' qabel unanimament fil-prinċipju li nhar ta' Tlieta tibda tinġabar biss il-borża l-ħadra u għaldaqstant nittamaw lin-nefqa għall-ġbir tal-iskart domestiku tonqos xi ftit. Min-naħa l-oħra, qegħdin nittamaw li l-kuntratti l-ġodda tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku u t-Tindif u ż-Żamma tat-Toroq iżommu bejn wieħed u ieħor l-istess prezzijiet li għandna llum sabiex l-ispiża ma togħliex ħafna.

iii. Dwar in-Nefqa għall-Amministrazzjoni l-Kunsill Lokali diġa' ressaq ilment mad-Diparitment għall-Gvern Lokali minħabba l-ammont li qegħdin nirċeivu permezz tal-allokazzjoni. Fuq din in-nefqa l-Kunsill jiriċevi €78,496 u meta wieħed inaqqas il-pagi u l-onorarja tal-impjegati u l-Kunsillieri, dawn diġa' jammontaw għal €67,872. Meta ma' dawn iżżid in-nefqa fuq is-Sigurta' Soċjali, din tammonta għal madwar €13,000 u jfisser li b'dawn iż-żewġ ammonti flimkien, l-ispiża tkun diġa' qabżet l-allokazzjoni mgħoddija. Barraminnhekk il-Kunsill Lokali qiegħed joqgħod attent ħafna fuq in-nefqa fl-apparat tal-uffiċċju, kif ukoll qed jagħmel dak kollu possibli sabiex kemm jista' jkun inaqqas in-nefqa tad-dawl u l-ilma, mhux biss fl-uffiċċju imma anke fid-dwal tal-Ġonna u monumenti, eċċ...

3.5 Il-Kunsill Lokali jrid jonfoq b'kawtela u ħsieb speċjalment minħabba li fi ftit

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

xhur oħra se jibda l-bini ta' ufficċju amministrattiv ġdid u l-Kunsill ma jixtieqx li jidħol f'xi dejn ma' xi bank partikolari, imma din l-ispiża tiġi koperta mill-flus tal-Kunsill Lokali kif ukoll minn fondi oħra li l-Kunsill Lokali jkun jista' jibbenefika minnhom.

## 4. SUĠĠERIMENTI U LMENTI MILL-PUBBLIKU

4.1 Is-Sa. Bernardette Azzopardi rringrazzjat lill-Kunsill Lokali għall-ħidma tiegħu b'risq il-lokalita'.

4.2 Sa. Azzopardi tkellmet dwar Triq it-Tempesta u qalet li hemm bżonn liż-żbir tas-siġar isir b'mod differenti milli jsir fil-preżent.

4.2.1 Qalet li jrid ikun hemm aktar attenzjoni kif isir dan iż-żbir.

4.2.2 Is-Sindku David Schembri wieġeb li Triq it-Tempesta hija prattikament problema mill-bidu sal-aħħar u dan speċjalment fejn jidħol iż-żbir, minħabba li kulħadd għandu l-ideat differenti tiegħu kif għandu jsir iż-żbir.

4.2.3 Qal ukoll li fil-preżent il-Kunsill Lokali qiegħed jevalwa s-sejħiet għall-offerti li waħda minnhom se tkun qiegħda tikkonċentra dwar il-problema li hemm fi Triq it-Tempesta quddiem il-bus xelters minħabba li meta tagħmel ix-xita joqgħod ħafna ilma.

4.3 Is-Sa. Azzopardi tkellmet ukoll dwar il-qtugħ ta' ħaxix fit-toroq mhux urbani.

4.3.1 Spjegat li ħafna drabi dan il-ħaxix qiegħed jinqata' fil-mument żbaljat għax ikun għadu tiela' u jispiċċa maqtugħ mal-ewwel.

4.3.2 Is-Sindku wieġeb li l-kuntratt tal-qtugħ ta' ħaxix jispeċifika li ma jistax isir bexx f'dawn iż-żoni u huwa għalhekk li l-ħaxix jinqata' malli jkun għadu

qiegħed jikber għax imbagħad ikun aktar diffiċli biex jinqata' jekk jilħaq jikber sew.

4.4 Is-Sa. Azzopardi staqsiet jekk huwiex possibbli li jkun hemm tank li fih jinġema' l-ilma tax-xita, imbagħad l-istess ilma jintuża' sabiex tissaqqa' r-roundabout int u dieħel il-Qrendi.

4.5 Is-Sa. Azzopardi ssuġġeriet ukoll li kull sena l-Kunsill Lokali għandu jara li jagħmel biċċiet żgħar ta' toroq mal-periferija tal-lokal sabiex din ukoll tissebbaħ matul is-snin.

4.5.1 Żiedet li jidher li dieħel aktar sens ta' agri-turiżmu u jekk il-Kunsill isebbaħ il-periferija, din l-idea tingħata spinta qawwija 'l quddiem.

4.6 Is-Sa. Azzopardi ssuġġeriet ukoll li l-Kunsill Lokali għandu jibda jagħti rikonoxximent żgħir lil dawk il-koppji li jagħlqu 50 sena miżżewwġin, bħalma jagħmlu Kunsilli oħra barra minn Malta.

4.7 Is-Sa. Azzopardi tkellmet ukoll dwar it-tabelli li hawn installati fil-lokalita' u ssuġġeriet li hemm bżonn t'aktar tabelli bl-informazzjoni fuqhom.

4.7.1 Is-Sindku wieġeb li fil-preżent hemm tliet *heritage trails* fejn fihom huwa nkluż il-Qrendi u dawn għadhom kif ġew imnedija mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

4.7.2 Żied li fuq it-tabelli madwar il-lokalita' rridu naħdmu aktar u qegħdin nisħqu ma' *Heritage Malta* sabiex iżidu t-tabelli li jikkonċentraw fuq Ħaġar Qim.

4.8 Is-Sa. Azzopardi tkellmet dwar is-separazzjoni tal-iskart u qalet li hemm bżonn issir kampanja b'saħħitha sabiex is-separazzjoni ssir tajjeb.

4.8.1 Is-Sindku wieġeb li jidher li l-*bring-in sites* qegħdin jintużaw tajjeb, biss xorta waħda għadna lura bħala lokalita' fuq kemm niġbru skart, u dan jidher mill-miri fuq livell nazzjonali.

4.8.2 Spjega kif minn April li ġej se tibda tinġabar biss il-borża s-sewda nhar ta'

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Tlieta u dan sabiex inżidu l-iskart separat.

4.9 Is-Sur Saviour Zammit irringrazzja lill-Kunsill Lokali u faħħar l-idea li jinbidel l-isem tal-magażin tal-Kunsill għax b'hekk issa ġie li l-Qrendi huwa ta' kulħadd.

4.9.1 Żied li l-fuljett maħruġ mill-Kunsill Lokali sar ikollu fih ħafna informazzjoni u qiegħed jgħin sabiex iżomm kuntatt mar-residenti.

4.10 Is-Sur Zammit tkellem dwar il-bini tal-uffiċċju amministrattiv ġdid u qal li l-MEUSAC għandhom sezzjoni fejn tista' tgħin lill-Kunsill Lokali sabiex dan l-uffiċċju jkun jista' jimtela' minn ġewwa.

4.10.1 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill Lokali diġa' ltaqa' mas-Sur Robert Tabone mill-Ministeru minħabba dan il-finanzjament imma s'issa għadna qegħdin nistennew l-eżitu ta' kif se jinqasmu l-fondi tal-Unjoni Ewropea.

4.11 Is-Sur Zammit tkellem dwar il-Belt Kapitali Ewropea u qal li jidher li Valletta18 se tkun qiegħda tinkorpora l-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex u mhux il-Belt Valletta biss.

4.12 Is-Sur Zammit tkellem dwar Ġieħ il-Qrendi u qal li min-naħa tiegħu ilu għal diversi snin jisħaq li dan għandu jsir u fl-aħħar jidher li dan se jibda jingħata.

4.13 Is-Sur Zammit staqsa dwar il-finanzi tal-Kunsill Lokali u qal li f'xi ġurnali kien ippublikat li hemm Kunsilli Lokali li mhux jirċievu l-finanzjament kollu dovut lilhom min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

4.13.1 Is-Sindku wieġeb li dak il-każ ippublikat huwa dwar flus u spejjeż li dejjem qegħdin jiżdiedu mentri l-allokazzjoni li jingħata kull Kunsill qiegħda tibqa' kważi l-istess.

4.14 Is-Sur Zammit issuġerixxa li fi Triq Manwel Sciberras (maġenb iċ-Ċentru Pastorali Parrokjali) messu jkun hemm aktar dawl kif ukoll issir *zebra crossing* minħabba t-tfal li jattendu dan iċ-Ċentru għad-duttrina.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.14.1 Is-Sindku wieġeb li kemm minħabba d-dawl kif ukoll minħabba xi sinjali u/jew *zebra crossing*, il-Kappillan għandu jibgħat ittra jew e-mail lill-Kunsill Lokali bit-talba ta' dak li jixtieq isir sabiex inkunu nistgħu nipproċedu minn hemm 'il quddiem.

4.14.2 Żied li dwar iż-*zebra crossing* prattikament huwa impossibli li din issir minħabba li jekk issir ma tistax tiġi biss fi Triq Manwel Sciberras imma trid issir ukoll fi Triq iż-Żurrieq u prattikament titlef is-sens kollu tagħha għax ftit ikunu dawk li jużawha.

**Il-Laqgħa tal-Lokalita' ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata *sine die*.**

__________________________ _________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**